

Brussell, 13 ta' Frar 2017
(OR. en)

Fajls Interistituzzjonali:

2016/0379 (COD)
2016/0380 (COD)
2016/0377 (COD)
2016/0378 (COD)
2016/0382 (COD)
2016/0376 (COD)
2016/0381 (COD)
2016/0375 (COD)

5800/1/17
REV 1

ENER 24
CLIMA 13
CONSOM 28
TRANS 35
AGRI 51
IND 20
ENV 88
COMPET 84
FISC 39
ECOFIN 81
RECH 37
IA 23
CODEC 129

NOTA

minn: Presidenza

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Nru dok. Cion: 15135/16 ENER 418 ENV 758 CLIMA 169 COMPET 637 CONSOM 301
FISC 221 IA 131 CODEC 1809
+ ADD 1 – 2
15150/16 ENER 420 ENV 760 CLIMA 171 COMPET 640 CONSOM 302
FISC 222 IA 133 CODEC 1816
+ ADD 1
15151/16 ENER 421 IA 136 CODEC 1817
+ ADD 1
15149/16 ENER 419 IA 134 CODEC 1815
+ ADD 1
15120/16 ENER 417 CLIMA 168 CONSOM 298 TRANS 479 AGRI 650
IND 261 ENV 757 IA 130 CODEC 1802
15091/16 ENER 413 ENV 754 TRANS 473 ECOFIN 1149 RECH 340
IA 124 CODEC 1789
+ ADD 1
15108/16 ENER 416 ENV 756 TRANS 477 ECOFIN 1152 RECH 341
IA 125 CODEC 1797
+ ADD 1
15090/16 ENER 412 CLIMA 167 IA 123 CODEC 1788
+ADD 1

Suġġett: **Pakkett dwar l-enerġija nadifa (L-ewwel qari)**

a) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-suq intern tal-elettriku (riformulazzjoni)

- b) Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għas-suq intern tal-elettriku (riformulazzjoni)
 - c) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tnejja għar-riskji fis-settur tal-elettriku
 - d) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (riformulazzjoni)
 - e) Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (riformulazzjoni)
 - f) Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija
 - g) Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2010/31/UE dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija
 - h) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija, li jemenda d-Direttiva 94/22/KE, id-Direttiva 98/70/KE, id-Direttiva 2009/31/KE, ir-Regolament (KE) Nru 663/2009, ir-Regolament (KE) Nru 715/2009, id-Direttiva 2009/73/KE, id-Direttiva tal-Kunsill 2009/119/KE, id-Direttiva 2010/31/UE, id-Direttiva 2012/27/UE, id-Direttiva 2013/30/UE u d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013
- Skambju ta' fehmiet
-

I. Introduzzjoni tal-proposti leġislattivi

Il-Kummissjoni adottat il-pakkett imsejjaħ "Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha" fit-30 ta' Novembru 2016. Dan il-pakkett, li jinkludi tmien proposti leġislattivi, hu l-akbar pakkett fl-ambitu u fid-daqs li qatt ġie ppreżentat mill-Kummissjoni fil-qasam tal-enerġija. Inkluzo l-Komunikazzjoni, il-Valutazzjonijiet tal-Impatt u dokumenti ġustifikattivi oħra, il-pakkett fih aktar minn 3 500 paġna. L-għan hu li s-sistema tal-enerġija tal-Unjoni tal-Enerġija għall-2030 u lil hinn tinbidel favur ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, filwaqt li fl-istess ħin twassal il-benefiċċji tagħha fir-rigward tal-impjiegi, il-konsumaturi, it-ktabbir ekonomiku, l-innovazzjoni u l-kompetittività. Il-pakkett għandu tliet għanijiet prinċipali: li tingħata l-ogħla prijorità lill-effiċjenza fl-użu tal-enerġija; li tinkiseb eċċellenza globali fl-enerġiji rinnovabbli, u li jkun hemm eżitu raġonevoli għall-konsumaturi.

Il-pakkett globali ġie ppreżentat fil-laqgħa tal-Kunsill TTE (Enerġija) fil-5 ta' Diċembru 2016. L-ewwel preżentazzjoni dettaljata ta' kull waħda mit-tmien proposti fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija tlestiet f'Jannar u fil-bidu ta' Frar 2017. L-inizjattivi tal-pakkett kif proposti mill-Kummissjoni huma intrinsikament interkonnessi; għal dik ir-raġuni, l-eżami obbligatorju tal-Valutazzjonijiet tal-Impatt tat-tmien proposti diġà beda. F'dan l-istadju bikri tal-eżamijiet, il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet iżommu riżervi ta' skrutinju b'rabta mal-proposti kollha.

F'konformità mal-prijoritajiet tal-Presidenza Maltija, l-eżami dettaljat taż-żewġ proposti dwar l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija fil-bini beda, bl-għan li jintlaħaq approċċ ġenerali matul il-mandat tagħha, jekk ikun possibbli.

L-elementi ewlenin tal-proposti leġiżlattivi huma mniżżlin hawn taħt.

Struttura tas-suq tal-elettriku

Kemm il-Kunsill kif ukoll il-Parlament Ewropew enfasizzaw ripetutament li suq tal-enerġija integrat li jaħdem sew huwa l-aqwa għodda biex jiġu ggarantiti prezzijiet tal-enerġija affordabbli, provvisti sikuri tal-enerġija, u biex tkun tista' ssir l-integrazzjoni ta' volumi akbar ta' elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli b'mod kosteffiċjenti. Hu essenzjali li l-prezzijiet ikunu kompetittivi biex jinkiseb it-tkabbir u l-benesseri tal-konsumaturi fl-Unjoni Ewropea, u għaldaqstant il-kompetittività tal-prezzijiet hi ċentrali għall-politika tal-UE dwar l-enerġija.

L-istruttura attwali tas-suq tal-elettriku hu bbażat fuq ir-regoli tat-"Tielet Pakkett dwar l-Enerġija" li rriżulta fi progress tanġibbli għall-konsumaturi u tejjeb il-pożizzjoni tagħhom fis-swieq tal-enerġija. Dan wassal ukoll għal aktar likwidità fis-swieq Ewropej tal-elettriku u jidher ċar li żied il-kummerċ transfruntier.

Madankollu, żviluppi ġodda wasslu għal bidliet fundamentali fis-swieq Ewropej tal-elettriku. Is-sehem tal-elettriku ġġenerat minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli (RES-E) żdied b'mod qawwi u l-enerġija rinnovabbli saret iktar kompetittiva fil-kostijiet. Din it-transizzjoni lejn ir-RES-E mistennija tkompli peress li hi kondizzjoni ewlenija biex jiġu ssodisfati l-obbligi tal-Unjoni skont il-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima. Fil-futur, is-suq tal-elettriku ser ikun ikkaratterizzat minn produzzjoni aktar varjabbli u deċentralizzata tal-elettriku, interdipendenza akbar bejn l-Istati Membri u opportunitajiet teknoloġiċi ġodda li permezz tagħhom il-konsumaturi jkunu jistgħu jiffrankaw fuq il-kontijiet tagħhom u jipparteċipaw b'mod attiv fis-swieq tal-elettriku permezz ta' reazzjoni għad-domanda, awtokonsum u ħżin.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, fil-pakkett ta' Novembru 2016 il-Kummissjoni ppreżentat il-proposti tagħha għal riformulazzjoni tad-Direttiva dwar regoli komuni għas-suq intern tal-elettriku, ir-Regolament dwar is-suq tal-elettriku u r-Regolament li jistabilixxi Aġenzija Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER). Barra minn hekk, ġiet ippreżentata proposta għal Regolament ġdid dwar it-tħejjija għar-riskji fis-settur tal-elettriku.

Il-leġislazzjoni proposta għandha l-għan li tadatta r-regoli attwali tas-suq għar-realtajiet l-ġodda tas-suq permezz ta' iktar flessibilità bil-possibilità li l-elettriku jiġi ċċirkolat b'mod liberu skont sinjali tal-prezzijiet mingħajr distorsjoni, filwaqt li l-konsumaturi jingħataw rwol attiv, jitgawded benefiċċji massimi mill-koordinazzjoni transfruntiera u jingħataw is-sinjali u l-inċentivi adatti li jixprunaw l-investimenti meħtieġa biex is-sistema Ewropea tal-enerġija ssir aktar kompetittiva u kkaratterizzata minn livell aktar baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Hi ser tagħti wkoll prijorità lil soluzzjonijiet li jieħdu kont tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u ser tikkontribwixxi għall-mira tal-Unjoni ta' ħolqien ta' impjiegi, tkabbir u li jiġu attirati l-investimenti.

Ir-regoli proposti dwar l-istruttura tas-suq tal-elettriku għandhom l-għan li jistabilixxu kondizzjonijiet ekwi għar-riżorsi kollha u li jintegraw is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli fis-suq, filwaqt li jsaħħu s-swieq għal żmien qasir sabiex jingħataw kemm jista' jkun opportunitajiet biex is-sorsi rinnovabbli varjabbli u inqas prevedibbli joperaw b'mod kosteffettiv f'kuntast tas-suq billi dawn jinġiebu aktar qrib is-swieq fil-ħin reali u permezz ta' titjib fis-swieq tal-ibbilanċjar. Barra minn hekk, sabiex ikunu attirati l-investimenti meħtieġa fis-suq tal-elettriku, il-leġislazzjoni proposta għandha l-għan li ttejjeb is-sinjali tal-prezzijiet, bħal ngħidu aħna, bit-tneħħija tal-limiti fuq il-prezzijiet biex jiġi żgurat li l-prezzijiet jirriflettu l-valur reali tal-elettriku matul il-ħinijiet tal-ogħla użu u bit-tiħiħ tal-qafas regolatorju eżistenti biex jiġi żgurat li s-sinjali tal-prezzijiet ikunu jistgħu jiggwidaw il-post ġeografiku fejn isiru l-investimenti l-ġodda u d-deċiżjonijiet dwar il-produzzjoni (eż. permezz ta' żoni ta' prezzijiet allinjati mal-konġestjoni strutturali fin-netwerk tat-trasmissjoni).

Bil-għan li s-sistema tal-elettriku ssir iktar flessibbli, ir-regoli proposti għandhom l-għan li jippermettu reazzjoni għad-domanda biex ikun hemm parteċipazzjoni sħiħa fis-suq, inkluż permezz tal-għoti ta' aċċess lil kull konsumatur għal kuntratt ta' elettriku bi prezz dinamiku u arloġġ intelliġenti mgħammar b'funzjonalitajiet minimi. Barra minn hekk, ir-regoli proposti jkunu ta' incenċiv għall-Operaturi tas-Sistemi ta' Distribuzzjoni biex titjeb l-effiċjenza tal-operazzjonijiet tagħhom fil-kuntest ta' ġenerazzjoni rinnovabbli aktar varjabbli, filwaqt li jiġi salvagwardat ir-rwol tagħhom bħala faċilitaturi newtrali tas-suq.

Filwaqt li tiġi kkunsidrata l-importanza li jiġu żgurati investimenti xierqa fis-suq tal-elettriku u li jkun hemm titjib fil-kapaċità tas-swieq li jwassluhom permezz tar-riformi maħsuba, jenħtieġ li l-introduzzjoni tal-mekkaniżmi ta' kapaċità ssegwi ċerti kondizzjonijiet u qed jiġu proposti miżuri biex ikun hemm titjib fl-allinjament ta' dawk il-mekkaniżmi ta' kapaċità fost l-Istati Membri biex jiġu evitati konsegwenzi negattivi għall-funzjonament tas-suq intern. Il-mekkaniżmi ta' kapaċità ser ikunu bbażati fuq valutazzjoni tal-adeqwatezza tar-riżorsi li tkun trasparenti u tapplika għall-UE kollha u għandhom jippermettu parteċipazzjoni transfruntiera effettiva.

Barra minn hekk, u sabiex titjeb it-thejjiġa għar-riskji tas-sistema tal-elettriku tal-UE, hi prevista valutazzjoni aktar sistematika tar-riskji bbażata fuq metodi komuni, li għandha titwettagħ f'kuntest transfruntier. L-Istati Membri jkunu obbligati jfasslu Pjanijiet ta' Thejjiġa għar-Riskji li jkunu maqsuma f'żewġ partijiet; parti li tirrifletti l-miżuri nazzjonali u parti oħra li tistabilixxi miżuri li għandhom jiġu maqbula minn qabel bejn l-Istati Membri f'kuntest reġjonali, inkluż simulazzjonijiet ta' kriżi fuq livell reġjonali, proċeduri għal kooperazzjoni f'xenarji ta' kriżi differenti u qbil dwar kif jistgħu jiġu trattati diversi sitwazzjonijiet simultanji ta' kriżijiet marbutin mal-elettriku.

Bil-għan li ttejjeb il-kompetizzjoni fis-suq tal-bejgħ tal-elettriku fil-livell tal-konsumatur, il-leġislazzjoni proposta tipprevedi t-tneħħija gradwali ta' regolamentazzjoni ġeneralizzata tal-prezzijiet filwaqt li tippermetti regolamentazzjoni transizzjonali tal-prezzijiet għall-konsumaturi vulnerabbli. Biex jiżded l-involvement tal-konsumaturi, l-użu ta' tariffi għat-terminazzjoni tal-kuntratti jiġi ristrett u r-regoli għall-introduzzjoni tal-arloġġi intelliġenti jissaħħu. Titkattar il-fiduċja tal-konsumaturi f'siti web fejn isir tqabbil u qed jiġu proposti prinċipji biex jiġi żgurat li l-kontijiet tal-enerġija jkunu ċari u jinftehm u faċilment. Fl-aħħar nett, bil-għan li parteċipanti ġodda u kumpaniji tas-servizzi tal-enerġija ġodda jkunu jistgħu jiżviluppaw servizzi ġodda jiġi żgurat li jkun hemm aċċess nondiskriminatorju għad-data dwar il-konsumaturi.

Enerġija rinnovabbli

Il-proposta għandha l-għan li tirrevedi parzjalment id-Direttiva 2009/28 dwar is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Hija tipproponi mira vinkolanti fil-livell tal-UE ta' sehem ta' mill-inqas 27% ta' enerġija rinnovabbli fil-konsum finali gross ta' enerġija fl-Unjoni fl-2030, f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2014.

Il-proposta tindirizza l-iskemi ta' sostenn, l-awtoproduzzjoni u l-konsum ta' enerġija rinnovabbli, il-kooperazzjoni reġjonali, il-garanziji tal-oriġini, il-proċeduri amministrattivi, l-informazzjoni u t-taħriġ u l-kriterji għas-sostenibbiltà u l-iffrankar ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra (GHG) permezz tal-użu ta' bijofjuwils, bijolikwidi u fjuwils tal-bijomassa. Il-proposta hi mmirata lejn tliet setturi ta' konsum finali: l-elettriku ("RES-E"), it-tiżnin u t-tkessiġ ("RES-H&C"), u t-trasport ("RES-T").

L-elementi l-ġodda ewlenin fil-proposta huma deskritti hawn taħt.

Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu l-kontributi nazzjonali tagħhom għall-mira vinkolanti globali tal-UE għall-2030, filwaqt li bħala livell bażi jużaw il-mira nazzjonali vinkolanti tagħhom għall-2020 kif stabbilit bid-Direttiva eżistenti 2009/28/KE dwar l-Enerġija Rinnovabbli. Il-proposta tinkludi prinċipji ġenerali li jenħtieġ li jsegwu l-Istati Membri huma u jfasslu l-iskemi ta' sostenn sabiex tiġi żgurata l-istabbiltà tagħhom u biex is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli jkunu jistgħu jirreaġixxu għas-suq. Dan ikun jinkludi b'mod partikolari klawżola ta' nonretroattività, approċċ ibbażat fuq is-suq, iċ-ċertezza tal-investituri permezz ta' pjanijiet ta' tliet snin tal-Istati Membri, u l-ftuħ parzjali ta' skemi ta' sostenn (10-15%) għal ġeneraturi li jinstabu fi Stati Membri oħrajn, bl-għan li jitnaqqsu l-ispejjeż marbutin mal-użu ta' enerġiji rinnovabbli u biex jiġu stimolati soluzzjonijiet reġjonali.

Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu sistema ta' "punt ta' kuntatt waħdieni" li jikkoordina l-proċess kollu tal-għoti ta' permessi għall-applikanti li jixtiequ jibnu/joperaw impjanti tal-enerġija rinnovabbli u l-infrastruttura ta' trasmissjoni u distribuzzjoni assoċjata magħhom. Jenħtieġ li l-proċess tal-għoti ta' permessi ma jeċċedix perijodu ta' tliet snin, u għall-installazzjonijiet taħt il-50 kW, sempliċi notifika għandha tkun biżżejjed; għall-użu mill-ġdid (repowering) ta' installazzjonijiet eżistenti, il-proċess tal-għoti ta' permess ma għandux jieħu iktar minn sena, u hi prevista wkoll notifika ssimplifikata. Barra minn hekk, il-proposta tistabbilixxi ċerti standards minimi rigward id-drittijiet tal-awtoprodutturi tal-enerġija rinnovabbli (fuq skala żgħira), il-konsumaturi tal-enerġija prodotta minnhom stess u l-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli. Il-proposta tinkludi wkoll l-obbligu għall-Istati Membri li jiffaċilitaw amministrattivament l-istabbiliment ta' kuntratti ta' xiri ta' enerġija.

Fir-rigward tat-tisħin u t-tkessiħ, il-proposta tipprovdi opzjonijiet lill-Istati Membri biex iżidu s-sehem tagħhom tal-enerġija rinnovabbli fil-provvista tat-tisħin u t-tkessiħ (billi jagħmlu hilitom biex iżidu l-użu tal-enerġija rinnovabbli fil-provvista tat-tisħin u t-tkessiħ b'punt perċentwali wieħed fis-sena), u tistabilixxi drittijiet ta' aċċess nondiskriminatorju għas-sistemi lokali tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali għall-produtturi tal-enerġija rinnovabbli. Għat-trasport, il-proposta tintroduċi obbligu fuq il-fornituri Ewropej tal-fjuwil għat-transport biex jipprovdu lis-suq sehem dejjem akbar ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli avanzati u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju (bijofjuwils, bijogass, elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli u fjuwils rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika), minn 1.5% fl-2021 għal 6.8% fl-2030, filwaqt li fl-istess ħin inaqqsu s-sehem massimu ta' bijofjuwils likwidi prodotti minn għelejjel għall-ikel jew għall-għalf. B'mod parallel, il-proposta ma tinkludix il-mira nazzjonali vinkolanti eżistenti għall-2020 ta' sehem ta' 10% ta' enerġija rinnovabbli fit-transport. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabilixxu bażijiet ta' data nazzjonali interkonnessi biex jittraċċaw il-fjuwils rinnovabbli li jintużaw għat-tisħin u t-tkessiħ u fit-transport, u biex ikunu jistgħu jiġu kkalkolati l-parametri rilevanti marbutin magħhom.

Fir-rigward tal-bijofjuwils, il-bijolikwidi u l-bijomassa, il-proposta tintroduċi kriterji ġodda marbutin mas-sostenibbiltà għall-bijomassa tal-foresti; testendi l-kriterji marbutin mas-sostenibbiltà biex jiġu inklużi l-fjuwils tal-bijomassa; iżżid ir-rati minimi ta' ffrankar tal-emissjonijiet ta' GHG minn diversi tipi ta' bijofjuwil; u tippredvi li l-impjanti fuq skala kbira li jiġġeneraw l-elettriku mill-bijomassa jridu jużaw teknoloġija effiċjenti ħafna ta' produzzjoni ta' elettriku u sħana fl-istess ħin.

Id-dispożizzjonijiet relatati mat-tnaqqis tad-differenzi bejn il-kontributi nazzjonali aggregati u t-trajettorja lineari li twassal għall-mira vinkolanti globali fil-livell tal-UE għall-2030 - il-kwistjoni dwar "x'jiġri jekk" - huma inklużi fil-proposta għal Regolament dwar il-governanza tal-Unjoni tal-Enerġija¹. Dawn id-dispożizzjonijiet jinkludu l-possibbiltà ta' miżuri addizzjonali mill-Istati Membri u fil-livell tal-Unjoni, li għandhom jiżguraw li l-mira fil-livell tal-UE tintlaħaq.

Il-Kummissjoni għandha tistabilixxi qafas finanzjarju ta' appoġġ biex jitjieb l-użu tal-fondi tal-Unjoni għall-benefiċċju tal-oġġettivi ta' din id-Direttiva u biex l-ambizzjoni tal-Istati Membri tiġi inċentivata b'rabta mal-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli.

¹ Nota: Irreferi għad-dokument 15090/16, Artikolu 27.

L-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u r-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija

Abbażi tal-prinċipju li l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija tiġi l-ewwel, ir-reviżjoni mmirata tad-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija u d-Direttiva 2010/31/UE dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija għandha l-għan li tirriżulta fil-ħolqien ta' impjegi, fi tkabbir u f'sigurtà tal-provvista, kif ukoll li tikkontribwixxi lejn l-għanijiet tal-UE għall-2030 b'rabta mad-dekarbonizzazzjoni. F'din il-perspettiva, il-miżuri proposti għandhom l-għan li jżommu l-istess livell ta' sforz b'rabta mal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija bħal dak li ntwera sal-2020, u li jimmiraw b'mod partikolari r-rinnovazzjoni tal-istokk tal-bini eżistenti fejn hemm nuqqas kbir ta' effiċjenza.

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2014 stabbilixxew mira indikattiva ta' 27% għall-effiċjenza fl-użu tal-enerġija fil-livell tal-UE. Il-konklużjonijiet jitolbu wkoll rieżami ta' din il-mira sal-2020 bil-ħsieb li l-livell ikun ta' 30%. Wara li wettqet ir-rieżami, il-Kummissjoni issa tissuġġerixxi mira vinkolanti ta' 30% fil-livell tal-UE. Din il-mira globali hija espressa bħala massimu ta' 1 321 Mtoe ta' enerġija primarja u 987 Mtoe ta' konsum finali tal-enerġija mill-UE fl-2030, u din il-mira trid tiġi kkunsidrata mill-Istati Membri meta jstabbilixxu l-kontributi nazzjonali indikattivi tagħhom b'rabta mal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija.

Qed jiġi propost li l-obbligu li jkun hemm frankar ta' 1.5% tal-enerġija kull sena jiġi estiż sal-2030, u possibbilment anke lil hinn. L-iskemi li jimponu obbligi marbutin mal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija qegħdin jitqiesu li huma fl-istess livell bħall-miżuri alternattivi li għandhom l-istess effett, u dan jintroduċi aktar flessibbiltà. Meta jiġu definiti l-aktar miżuri xierqa, ir-regoli l-ġodda jirrikjedu li l-Istati Membri jqisu l-prekarjetà enerġetika. Id-Direttiva tiċċara wkoll ir-rekwiżiti dwar kif jiġi kkalkolat l-iffrankar tal-enerġija, u tirrevedi l-obbligi marbutin mal-qari tal-arloġġi u l-ħruġ tal-kontijiet għat-tisħin, biex jinħolqu kontijiet tal-enerġija aktar trasparenti u orjentati lejn l-utent.

Ir-reviżjoni tad-Direttiva 2010/31/UE dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija tpoġġi obbligu fuq l-Istati Membri jkollhom viżjoni ċara dwar id-dekarbonizzazzjoni tal-istokk tal-bini tagħhom sal-2050 permezz ta' strateġija fit-tul għar-rinnovazzjoni li tistabbilixxi miri importanti ċari għall-2030. Sabiex jiġi mmobilizzat l-investment għar-rinnovazzjoni, il-Kummissjoni tipproponi l-introduzzjoni ta' mekkaniżmi li jindirizzaw in-nuqqasijiet fil-finanzjament u l-ostakli fis-suq, u nediet inizjattiva ta' finanzjament intelliġenti għall-binjiet intelliġenti. Il-proposta tħeġġeġ l-użu ta' teknoloġiji moderni fil-bini bl-introduzzjoni ta' indikatur ta' intelliġenza, u għandha l-għan li tiżgura li f'kull bini mhux residenzjali u f'kull bini residenzjali ġdid tkun disponibbli b'mod mifruż infrastruttura xierqa għall-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi. Il-metodu kif jiġi kkalkolat ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija huwa wkoll rivedut biex jingħata valur xieraq lill-enerġija rinnovabbli u biex tiġi indirizzata d-differenza fir-rendiment bejn il-kalkolu tad-domanda għall-enerġija u l-konsum reali.

Governanza

Fin-nuqqas ta' miri nazzjonali vinkolanti għall-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija għall-perijodu wara l-2020 (li ġew esklużi mill-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2014) u fil-kuntest tal-Ftehim ta' Pariġi, il-proposta tfassal mekkaniżmu ta' kooperazzjoni u kontroll li għandu jgħin biex jiġi żgurat li l-oġettivi u l-miri tal-Unjoni tal-Enerġija, inkluż b'mod partikolari l-miri 2030 fil-livell tal-UE għall-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija kif ukoll il-miri tal-UE dwar il-klima, jintlaħqu b'mod konġunt u li l-firxa wiesgħa ta' azzjonijiet proposti f'dawn l-oqsma u f'oqsma oħrajn jikkostitwixxu programm sħiħ koerenti u kkoordinat.

Il-mekkaniżmu ta' kontroll ser jikkonsisti fi pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima ppreżentati mill-Istati Membri li jkopru l-oġettivi, il-linji ta' politika u l-miżuri tagħhom marbutin ma' kull wieħed mill-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija (is-sigurtà tal-enerġija; is-suq intern tal-enerġija; l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija; id-dekarbonizzazzjoni; ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-kompetittività), inkluż il-miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra (GHG) kif ukoll l-assorbiment mill-bjar u linji ta' politika u miżuri li huma wkoll marbutin mal-Ftehim ta' Pariġi, (UNFCCC). Dawn il-pjanijiet ser ikopru l-perijodu 2021 - 2030 (u jiġġeddu għal kull perijodu ta' 10 snin minn hemm 'il quddiem), inkluż b'perspettiva sal-2050 u lil hinn, fejn rilevanti. L-Istati Membri jkunu jridu jippreżentaw abbozzi ta' pjanijiet sal-1 ta' Jannar 2018, pjanijiet finali sal-1 ta' Jannar 2019, abbozzi ta' pjanijiet aġġornati sal-1 ta' Jannar 2023 u pjanijiet finali aġġornati sal-10 ta' Jannar 2024; minn hemm 'il quddiem, kull 10 snin, jiġu ppreżentati abbozzi ta' pjanijiet finali u pjanijiet aġġornati.

Barra minn hekk, ir-Regolament jintroduċi rapporti ta' progress nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima fuq bażi biennali mill-Istati Membri, li għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni (l-ewwel rapport ta' dan it-tip ikun irid jintbagħat sal-15 ta' Marzu 2021) abbażi ta' mudell ta' rappurtar li għandu jiġi ddefinit fi stadju aktar tard u bl-użu ta' indikaturi ewlenin, kif ukoll rappurtar annwali meta dan ikun meħtieġ fid-dawl tal-impenji internazzjonali. Jenħtieġ li dan l-eżerċizzju ta' rappurtar jissostitwixxi u jissimplifika kważi kull obbligu ta' rappurtar eżistenti fil-leġislazzjoni tal-UE dwar l-enerġija u l-klima. Barra minn hekk, is-sistemi ta' inventarju nazzjonali u tal-Unjoni biex jinħadmu l-estimi tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u l-assorbimenti mill-bjar jenħtieġ li jkomplu. Jenħtieġ li r-rappurtar isir bl-użu ta' pjattaforma ta' rappurtar elettronika, li tibni fuq il-proċessi u l-bażijiet ta' data ta' rappurtar eżistenti.

Qed jiġu proposti linji gwida għall-"proċess tal-iffissar tal-kontributi" li permezz tiegħu l-Istati Membri jiffissaw il-kontributi tagħhom għall-miri 2030 fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli u dak tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija. Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu projezzjonijiet differenzjati għal (a) linji ta' politika eżistenti u (b) linji ta' politika ppjanati relatati mal-5 dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija tal-inqas sal-2040. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħtu stima tal-impatt makroekonomiku, ambjentali, soċjali u fuq il-ħiliet tal-linji ta' politika u l-miżuri inklużi fil-pjanijiet integrati, kif ukoll l-interazzjonijiet bejn il-linji ta' politika relatati mal-5 dimensjonijiet, tal-inqas sal-2030, filwaqt li hawnhekk iqabblu wkoll il-previżjonijiet tal-linji ta' politika eżistenti u daww ipplanati.

Proċess strutturat u iterattiv bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandu jżomm il-kisba kollettiva tal-oġġettivi tal-Unjoni tal-Enerġija fuq it-triq it-tajba. Dan ikun jinkludi sistema ta' monitoraġġ mill-Kummissjoni, u fejn meħtieġ rakkomandazzjonijiet mill-Kummissjoni li jenħtieġ li jitqiesu bl-akbar reqqa mill-Istati Membri, b'kont meħud tan-natura vinkolanti ta' ċerti miri fil-livell tal-UE. Barra minn hekk, il-proposta fiha dispożizzjonijiet rigward il-kooperazzjoni reġjonali u l-involvement ta' partijiet ikkonċernati fuq livell nazzjonali. Jenħtieġ li l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent tassisti lill-Kummissjoni, kif xieraq.

F'każ li l-Kummissjoni tikkonkludi, abbażi tal-informazzjoni mibgħuta mill-Istati Membri, li jkun hemm riskji għall-kisba tal-oġġettivi tal-Unjoni tal-Enerġija (b'mod partikolari l-miri għall-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija)(il-mistoqsija "x'isir jekk?"), din tista' toħroġ rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri, u għandha, kif xieraq, tiegħu miżuri addizzjonali fil-livell tal-Unjoni.

Għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli (fejn ikun hemm mira vinkolanti fil-livell tal-UE), dawn il-miżuri addizzjonali jistgħu jinkludu obbligu impost b'mod kollettiv fuq l-Istati Membri biex jieħdu miżuri nazzjonali, bħall-aġġustament tas-sehem tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli fis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ u/jew dak tat-trasport, jew il-finanzjament ta' pjattaforma ta' finanzjament tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli fil-livell tal-Unjoni. Pjattaforma bħal din tista' tiġi stabbilita mill-Kummissjoni permezz tal-adozzjoni ta' att delegat.

Għall-effiċjenza fl-użu tal-enerġija (fejn tiġi proposta mira vinkolanti fil-livell tal-UE), dawn il-miżuri tal-Unjoni jistgħu jinkludu miżuri addizzjonali għat-titjib tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija b'rabta ma' prodotti, bini u trasport.

Għaż-żewġ oqasma, dak tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u dak tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, fl-2023 jenħtieġ li ssir valutazzjoni mill-Kummissjoni dwar jekk l-isforzi humiex biżżejjed, b'miżuri addizzjonali korrispondenti li għandhom jiġu implimentati sal-2024.

Jiġu stabbiliti Kumitat tal-Unjoni tal-Enerġija (li jieħu post il-Kumitat attwali dwar it-Tibdil fil-Klima), u kumitati oħra kif xieraq, u r-Regolament jiġi rivedut fl-2026.

Il-proposta fiha "dispożizzjonijiet analogi" relatati mal-miri u l-oġettivi li jinsabu f'diversi atti leġislattivi tal-UE fil-qasam tal-politika dwar l-enerġija kif ukoll mal-miri u l-oġettivi f'diversi proposti leġislattivi fil-qasam tal-politika dwar il-klima u l-enerġija li ġew ippreżentati reċentement mill-Kummissjoni². Għalhekk, tul il-proċess kollu tan-negozjar għandha tiġi żgurata konsistenza bejn dawn id-"dispożizzjonijiet analogi" fil-proposti leġislattivi l-oħrajn kollha kkonċernati (ara nota fqiegħ il-paġna) u f'din il-proposta dwar il-governanza.

² Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar **l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija** fil-Qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 u li jemenda r-Regolament Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rappurtar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u għar-rappurtar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima ('LULUCF')

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar **it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra** mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 għal Unjoni tal-Enerġija reżiljenti u biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u għar-rappurtar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima ("ESR")

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-użu tal-**enerġija minn sorsi rinnovabbli** (riformulazzjoni)

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri għas-salvagwardja tas-**sigurtà tal-provvista tal-gass** u li jirrevoka r-Regolament (UE) 994/2010

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2012/27/UE **dwar l-effiċjenza fl-enerġija**

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2010/31/UE dwar ir-**rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija**

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas dwar **it-tħejjija għar-riskji fis-settur tal-elettriku** u li jħassar id-Direttiva 2005/89/KE

II. SKAMBJU TA' FEHMIET

Il-Ministri huma mistiedna jaqsmu l-fehmiet inizjali tagħhom³ dwar il-pakkett dwar l-Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha, inkluż:

- kif, f'konformità mad-Dikjarazzjoni Kongunta⁴ nistgħu nagħmlu progress sostanzjali u, fejn possibbli, inwasslu l-pakkett qabel l-aħħar tal-2017;
- kif l-aħjar li niżguraw is-sinerġiji ewlenin, inkluż dawk istituzzjonali, tal-approċċ globali;
- kif nistgħu nagħmlu l-aħjar użu mill-kooperazzjoni reġjonali biex niffaċilitaw it-transizzjoni.

³ Nota: id-delegazzjonijiet huma mistiedna jibagħtu l-kontribut tagħhom bil-miktub, biex il-Ministri jkunu jistgħu jiffokaw fuq il-messaġġi ewlenin.

⁴ irreferi għad-dokument 15375/16.